MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 267/2008/1

**David Debono**

**vs**

**Carmel sive Charles Brincat**

Il-Qorti

Rat li l-presenti hu rikors tal-appell tal-attur appellant David Debono fejn gie premess:-

*"Illi l-attur permezz tar-rikors promotur ipprezentat fit-22 t' Lulju 2008, kien talab lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma golbali t'elfejn u sitta u tletin liri maltin u zewg centezmi (LM2236.02), ekwivalenti ghal hamest elef mitejn u disghin centezmu (€5,209.93) minnu ghalih sborsati kwantu ghal elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u sittax il-centezmu (€1281.16) u*

*tlett elef sebgha mija u tmienja u ghoxrin ewro (€3728) prezz ta' merkanzija li kellu jixtrilu f'haxix u frtt frisk, li huwa naqas li jaghmel kwantu ghal mija u tlieta u sittin ewro u sitt centezmi (€163.06) spejjez ta' cargo handling imhallsa minnu lil Tubeline, u kwantu ghal sebgha u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€37.33) spejjez ta' telfonati konessi u peress li naqas li jirrifondi l-istess somma minkejja l-weghdi kollha tieghu kemm il-darba li ser ihallas. Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar 2008, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

*Illi l-intimat kien eccepixxa fl-4 ta' Dicembru 2008, is-segwenti:-*

*1. Illi mhuwiex minnu li l-attur ghadda lil eccipjent is-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u sittax il-centezmu (€1281.16), kif minnu allegat;*
*2. Illi in kwantu ghall-allegata somma ta' tlett elef sebgha mija u tmienja u ghoxrin centezmu (€3728), l-ammont kien effettivament tlett elef, erbgha mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmu (€3494.06), cioe' elf u hames mitt lira maltin (LM1500), liema somma l-eccipjent ircevieha biss fil-vesti ta' mandatarju tad-ditta Middle East Trading ta' certu Rheda Sadaani, li kien il-persuna li kellha tibghat il-merkanzija lill-attur u kwindi hija l-persuna semmai responsabbli ghal hlas lura tas-somma lill-attur.*
*3. Illi inkwantu ghal mija u tlieta u sittin ewro u sitt centezmi (€163.06) allegatament imhallsa bhala spejjez ta' cargo handling, l-eccipjent ma jistax jifhem kif dawn gew inkorsi gialadarba l-merkanzija ma ntbaghtix u fi kwalunkwe kaz mhuwiex lanqas responsabbli qua mandatarju.*
*4. Illi l-ispiza ta' sebgha u tletin ewro u tlieta u tletin centenzmu (€37.33) f'telefonati wkoll mhiex dovuta gialadarba l-eccipjent kien biss mandatarju.*

*B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri permess skond il-ligi".*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Prim Istanza semghet ix-xhieda tar-rikorrenti u tal-intimat, rat id-doumenti ezibiti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.*

*Illi fit-30 ta' Settembru 2011, dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet li l-kawza billi sabet lill-attur ma rnexxilux jipprova t-talba tieghu u ghalhekk laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimat u cahdet it-talba tar-rikorrenti. Dana bl-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mir-rikorrenti.*

*Illi l-espnenti hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u qed jinterponi umli appell minnha.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-*

*1. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Prim Istanza ma haditx konjizzjoni tajba tal-provi prodotti quddiemha.*

*Illi r-rikorrenti fix-xheida tieghu kien car bizzejjed meta qal fil-21 ta' Gunju, 2010, li huwa kien inkarigat mill-attur biex jibghatlu minn Tunes 'container' patata. F'din ix-xhieda qabel ma ha struzzjoni dwar kif kellu jixhed, qal car u tond li kien huwa li kellu jixtri l-patata minn Tunes u kellu jibghata f'Malta lill-attur. Dan huwa kkonfermah b'din ix-xheida tieghu u qal ukoll li kien irceiva l-hlas u naqas li jibghat il-patata lill-attur.*

*Illi l-konvenut qal li kien xtara l-patata minn ghand certu Reda minn Tunes. Dan kien l-inkarigu lili moghti minn Debono, indipendentament minn min kien il-venditur. Pero' l-aktar parti integrali u mportanti mill-inkarigu kienet li kien huwa li kellu l-obbligu li jfittex jibghat il-patata lejn Malta. Hanehkk il-konvenut falla u xehed u kkonferma li minkejja li kien ha l-flus, naqas li jibghat il-patata.*

*Illi l-fatt li huwa ta' l-flus lil terzi persuni li xtara minn ghandhom, ma jizonorahx mill-obbligu li kellu li jibghat il-patata lil Debono. Debono ma qabbaddx lilu biex hu jqabbad lil hadiehor. Dak ix-xoghol kien jaf jaghmlu hu wahdu. Qabbad lil Brincat ghax Brincat kien qed ikun Tunes u seta' jixtri u jibghatlu l-patata minn hemm.*

*2. Illi aggravju iehor huwa dak konsegwenzjali minn dawn il-fatti u cioe’ li l-attur ma tax mandat lill-konvenut biex iqabbad lil xi hadd iehor jibghatlu l-patata. L-attur ta’ inkarigu mhux mandat. F’dan il-Qorti ghamlet zball, u wriet li minkejja l-ewwel xhieda tal-konvenut fejn car u tond qal x’kien l-inkarigu minn ghand Debono, meta rega xehed ma gharfitx tiddistingwi l-verita’ mill-invenzjoni tal-konvenut fit-tieni xhieda tieghu.*

*Illi meta l-konvenut gie struwit jixhed, dan hareg bit-tezi li huwa kellu jixtri l-patata minn ghand terzi li huma kellhom jibghatu l-konsenja. B’dan fehmet il-Qorti skorrettament li Brincat kellu xi mandat, mhux inkarigu biex jezegwixxi.*

*Illi ghalhekk ghamlet zball il-Qorti meta dhalet fir-regoli tal-mandat. Dan ma kienx kaz ta’ mandat imma inkarigu car biex jixtri u jibghat Malta l-patata li ex confessu qatt ma waslet Malta, ghax il-konvenut qatt ma espleta l-inkarigu lilu mghoti mill-attur Debono. Il-konvenut beix jghatti ghawaru dahal fin-nofs lil certu Reda u certu Ramsi u hallat negozju ma iehor pero’ konferma bhala fatt illi l-attur kien ghaddielu l-flus u l-patata qatt ma waslet f’Malta. Fil-fatt ikkonferma l-attur li hwua qed jfittex lill-konvenut ilghaliex f’dak li kien inkarigah, li jixtrilu l-patata ma sehhex u f’Malta ma wasal xejn.”*

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant iqed jitlob li din il-Qorti taqleb, tbiddel u tvarja s-sentenza appellata billi, waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, u waqt li tilqa’ t-talbiet tal-attur, tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ hamest elef, mitejn u disa’ ewro u tlieta u disghin centezmu (€5209.93), dovut kif premess fir-rikors.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-prezenti appell u l-imghaxijiet skond il-ligi, kontra l-konvenut appellat.

Rat li l-appellat Carmel sive Charles Brincat naqas mill-jippresenta r-risposta tieghu pero’ fis-seduta tal-14 ta’ Gunju deher id-difensur tieghu u ttratta l-appell.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-appell kif ukoll l-atti quddiem l-ewwel Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esibiti.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attur appellant qed jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta tat-30 ta' Settembru 2011, fejn gie deciz li attur appellant ma rnexxilux jipprova t-talba tieghu u kwindi gew milqugha l-eccezzjoniet tal-konvenut appellat u gew michuda ukoll it-talbiet kollha tal-appellant u dana bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.

Fl-imsemmija sentenza taghha il-Qorti tal-Magistrati Malta ddecidiet kif gej:-

"*Illi nhar it-12 ta' Marzu 2009 xehed l-attur David Debono. Dan stqarr li huwa wholesaler tal-faqqiegh u jaghti frott u haxix lis-supermarkets specjalment lil Chain Supermarket. Qal li huwa bidwi u li dan l-ahhar kellu problemi mad-dirigenti tac-Chain Supermarket ghaliex dan kien talbu sabiex igiblu x-xoghol direttament minn barra sabiex il-prezz ikun wiehed ahjar, u b'hekk ma jixtrihx mnghand wholesalers Maltin.*
*Jiftakar li kien ircieva cheque ta' hames mija w hamsin Lira Maltin (LM550) u huwa kien iggirah favur il-konvenut sabiex dan igiblu l-haxix u l-frott minn barra. Il-konvenut siefer lejn it- Tunezija u sab negozju hemmhekk u ghalhekk kellhom jbdew jinnegozjaw flimkien. Qal li waqt li l-konvenut kien imsiefer kien qed jibaghtlu messaggi sabiex jibaghtlu l-flus. Meta haseb li kien il-mument opportune, ghaliex il-konvenut kien qallu li kien sab il-patata, huwa ghaddielu s-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (LM1,600) tramite l-Western Union, kif muri fid-dok X anness.*
*Huwa pprezenta dokument bil-messaggi li kien jircievi minghand il-konvent f'dan ir-rigward, li gie mmarkat bhala*

*Dok S1. Hemmhekk hemm miktub li l-konvenut kien weghdu li kien ser jbghatlu x-xoghol.*
*Jghid li s-somma ta' sebgha w tletin Ewro u tlieta w tletin centezmu (€37.33) huma telefonati li huwa ghamel. Jghid li l-mobile number tieghu huwa 79455567 waqt li dak tal-konvenut hwa 79968981. In-numru li kellu Tunez huwa 21624264242. Huwa esebixxa dokument immarkat bhala Dok S2 bit-telefonati li saru.*
*Jghid li sa llum-il gurnata l-konvenut ma tah xejn lura, la flus u lanqas ma baghtlu frott u haxix. Jghid li huwa qatt ma kien sema' bis-socjeta Middle East Trading. Jaf li pero' darba minnhom il-konvenut semmielu lil certu Rheda Sadaani u huwa qallu li ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-persuna. Jinsisti li n-negozju tieghu kien mal-konvenut biss u qatt ma kien innegozja ma haddiehor f'dan ir-rigward.*
*In kontro-ezami nhar il-21 ta' Jannar 2010 ikkonferma li c-cheque li kien ghadda lill-konvenut ma kienx cheque mill-kont tieghu, izda kien ircevih bhala hlas minghand haddiehor u kien iggirah favur il-konvenut. Izda wara li gie mistoqsi ghal darb' ohra jekk kienx hallas lill-konvenut jew lil haddiehor, jghid li jista ikun li hallas lil haddiehor bih. Huwa ma kienx f'posizjoni li jesebih.*
*Nhar it-13 ta' Lulju 2010 in kontro ezami David Debono jghid li kien minnu li kien jaf lis-Sur Ramsi u li kien hu li introducieh lis-Sur Brincat, u jaf ukoll li ghamlu xi negozju bejniethom. Pero' jghid li s-Sur Brincat qatt ma garr mieghu dwar ix-xoghol li ghamel ma' Ramsi, u kien hu li ssuggerixxa lil Ramsi lis-Sur Brincat u qallu li seta' jahdem bih, u minn dakinhar ghamel hames containers xoghol mieghu. Jaf li kien hemm xi kwistjoni bejn is-Sur Brincat u Ramsi fuq xi qarnit li ma wasalx Malta. Cahad li hu jiltaqa' ma' Ramsi hawn Malta, kif gie suggerit lilu, anzi qal li ilu ma jarah xi erba' snin hamsa. Jaf li pero' darba minnhom is-sena l-ohra kien mar Ramsi fuqu u qallu li kellu jtih. Huwa qal li kien ilu ma jarah erba' snin ghax kien qata' l-kuntatt mieghu xi erba' snin qabel. Ma jiftakarx id-diskors li Brincat qallu li jekk Ramsi jhallsu huwa kien lest li jhallsu. Jaf li l-konvenut kellu jmur Tunez u jibaghtlu l-patata bi prezz irhis. Jaf li Charlie Brincat, il-konvenut, kellu jmur jixtri l-patata minghand haddiehor u jibaghtha. Jghid li ma jafx li huwa minnu li huwa tkellem*

*ma' Reda. Jekk huwa minnu ma jiftakarx. Huwa ghamel il-kuntatt tieghu ma' Charlie Brincat ghaliex ma riedx jaghmel xoghol direttament mat-Tunezin. Jiftakar li darba minnhom kien qala' l-Ufficcjal tad-Dwana, meta kien gej il-frott skond is-Sur Brincat, u l-merkanzija ma waslitx. Il-frott ma giex. Jispjega illi huwa qed ifittxu ghal affarijiet li weghdu u li ma gewx. Ma fittxux fuq il-frott li ma wasalx. Jikkonferma li d-Dwana hallasha fuq kwistjoni ta' frott, pero' mhux ta' patata.*

*Carmel Brincat il-konvenut xehed nhar il-21 ta' Gunju 2010. Dan stqarr li ghamel xi zmien Tunez bin-negozju fost affarijiet ohra tal-hut. Spjega li waqt li kien Tunez kien ftiehem mal-attur li jibghatlu s-somma t'elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) sabiex huwa jibghatlu container patata. Qal li l-flus gew mibghuta lilu minn bin l-attur. Dawn gew mibghuta lilu tramite l-Western Union u jammontaw ghal sitt elef dinar Libjan. Huwa ghaddiehom lill-persuna responsabbli gewwa it-Tunezija sabiex jibghat dan il-container. Qal li huwa kien icempel lil dan Mr. Rheda li kien responsabbli ghal din il-konsenja u dan ghaliex kien jircievi hadfna theddid u rikatt minghand l-attur. Darba minnhom jghid ukoll li kien qallu li kien lest li jghaddilu lura l-flus minflok il-patata izda huwa ma riedx hekk u nsista mieghu b'mod arroganti li ried il-patata. Huwa ghalhekk insista mieghu li kellu jkellem direttament lil Mr. Rheda u kien baghtlu n-numru tat-telefon tieghu. Jaf li l-attur imbaghad ikkomunika ma' dan Mr. Rheda. Pero' dan nonostante jaf li l-patata baqghet ma waslitx.*

*Illi nhar it-13 ta' Lulju 2010 rega xehed u spjega li hu qatt ma baghat merkanzija lill-attur u ghalhekk ma kienx hemm spejjez inkorsi dwar garr ta' merkanzija. Pero' jaf li telefonati verament kien hemm. Apparti theddid jiftakar li kien jitolbu biex jibaghtlu l-patata. Jaf u jikkonferma li Mr. Debono kien cempel lil Mr. Reda ghax kien fl-ufficcju ta' Mr. Reda meta rcieva din it-telefonata gewwa Tunez. Reda kien qallu li qed jiehu hsieb l-affari, u li kien se jibaghtlu l-patata. Dan kien ftit qabel ix-xahar ta' Settembru. It-telephone number ta' Mr Reda, s-Sur Debono kien jafu ghaliex kien tahulu hu stess. Jghid li Mr. Ramsi huwa mizzewweg Maltija u kien Mr. Debono*

*stess li qabbdu mieghu biex igiblu l-qarnit. Debono qallu li ma kellux ghalfejn jiddubita jew jibza' minn Mr. Ramsi ghax huwa bniedem gentlom u dak li jghid jaghmel ghax hu kien jahdem hafna mieghu. Ikkonferma li Mr. Ramsi fadallu jtih is-somma ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). Kien originarjament tah is-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) sabiex igiblu l-qarnit mill-Egittu, w jghid li kien tah parti minnhom lura, cioe' s-somma ta' erbat elef Lira (Lm4,000) u ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta' sitt elef Lira (Lm6,000). Jispjega li elf Lira (Lm1,000) minn dawn l-ghaxart elef (Lm10,000) kien tahomlu s-Sur Debono stess. Mistoqsi jekk qattx ra lil Mr. Ramsi u David Debono flimkien jghid li dan l-ahhar le.*

*In kontro-ezami jispjega, meta gie muri d-dokument a fol. 16 ta' l-atti illi dan id-dokument jikkonerma li waqt li kien Tunez huwa rcieva s-somma ta' sitt elef (6,000) Dinar. Ghalkem jghid li qatt qabel ma kien ra dan id-dokument. Jikkonferma pero' li l-patata qatt ma xtraha. Huwa l-flus kien ghaddiehom lil Mr. Reda biex dan jghaddi l-patata direttament lil Mr. Debono. Qal li xogholu kien li jaghti l-flus lil Mr. Reda biex dan jghaddi l-patata lil Mr. Debono. Qatt ma nnegozja fil-patata. In-negozju tieghu kien jikkoncerna l-hut, pero' huwa ma setax iqabbad lil haddiehor ghax kien jaf biss lil Mr. Reda fuq dan in-negozju. Jghid ukoll li ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu darba minnhom kien baghat messagg lil David Debono li kien lest itih il-flus lura, u David Debono tant kien agressiv u kellmu hazin u jaf li beda jheddu u qallu li ma riedx il-flus lura izda ried il-patata. Qal li sahansitra anke tah invit biex imur Tunez u jirranga kollox hu, izda ma riedx. Cahad li huwa wkoll tellef ix-xoghol tas-Sur Debono minn ma' Chain Supermarket. Huwa qatt ma bghatlu xi messaggi fejn qallu li l-merkanzija kienet on the way. Huwa dejjem insista ma' Mr. Reda biex jibaghtlu l-patata, pero' mbaghad ex admisses jghid li l-affari giet "beyond my hand". Huwa fil-fatt kien talbu biex itih it-telephone number ta' Ramsi sabiex jekk Ramsi jhallas lilu dawn il-flus li kellu jaghtih huwa kien lest li minn butu jaghti l-flus lil Debono u cioe' l-hames mitt Lira (LM500) li kien tah.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu li l-attur kien ta somma flus lill-konvenut sabiex dan igiblu patata minn Tunez. In fatti huwa kien baghtlu s-somma ta' sitt elef Dinar jew ahjar elf u hames mitt Lira Maltin, pero' x-xoghol tal-patata qatt ma wasal Malta. Il-konvenut jghid li huwa kien qed jahdem bhala intermedjajru bejn l-attur u Mr. Reda, li kellu jipprovdi l-patata ghall-esportazzjoni. Il-konvenut jikkonferma li kien ircieva s-somma t'elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-attti. L-attur jghid li ma riedx ikollu x'jaqsam ma' Tunezin, pero' fl-istess nifs jghid li kien jaf li l-konvenut kellu jghaddi l-flus lil terza persuna sabiex din tiehu hsieb li tibghat il-patata hawn Malta. Illi ghalhekk il-konvenut kellu l-mandat minghand l-attur sabiex jirangalu sabiex isiblu persuna idoneja biex tibghatlu l-merkanzija. Il-konvenut jghid li kellem lil Mr. Reda, u li l-attur kien jaf b'dan, tant li kien cempillu fil-presenza tal-konvenut. Meta gie mistoqsi jekk jiftakarx it-telefonata, konvenjentement jghid li ma jiftakarhiex. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-konvenut kellu l-obbligi ta' kull mandatarju iehor sabiex jesegwixxi il-mandat tieghu.*

*Illi skond kif insibu fid-"Diritto Privato" (5th Ed) ta' Francesco Galgano il-mandat huwa "il contratto con il quale una parte, il mandatario, si obbliga nei confronti dell`altra, il mandante, a compiere uno o piu` atti giuridici per conto di quest`ultima (art. 1703)".*

*Illi skond l-artikolu 1857 (2) tal-Kodici Civili, il-mandat jista' jinghata b`att pubbliku, b`kitba privata, b`ittra jew bil-fomm, jew ukoll tacitament. Illi kif intqal fis-sentenza"<u>Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Novembru, 1953: "L-unika limitazzjoni li taghmel il-ligi f`materja ta' mandat trrigwarda s-setgha sabiex isiru trasferimenti ta' beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti tal-aministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet ohra ta' proprjeta`, li trid tkun espressa; Ghalhekk ma jidhirx li hija rikjesta ebda formalita'; u f'dana s-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. 'Sifatto mandato … … non occorreva che fosse in iscritto*

*per essere valido, sebbene fosse inteso per l`acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge' (sent. App. 24 ta' April, 1931 in re S. Galea vs Paolo Gauci noe, Vol. XXVIII.I.60; Prim`Awla 13 ta' Jannar, 1947 in re V. Vella vs Angelo Vella; Prim`Awla 11 ta' Jannar, 1950 Rizzo Bamber vs Rizzo)."*

*Illi infatti f`"Richard Rizzo Bamber noe vs Giuseppina Rizzo noe et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Jannar, 1950, il-Qorti sostniet:- "Jinghad ukoll li ma ghandhomx jigu konfuzi l-formalitajiet li l-ligi tassativament tordna ghax-xiri tal-immobbli, u li huma dettati sabiex jiggarantixxu l-validita' taghhom fir-rapporti bejn bejjiegh u xerrej u di fronti ghat-terzi, mal-ftehim u rapporti li jkunu jezistu bejn mandanti u mandatarju. Skond l-ispirtu u l-iskop tal-ligi, fit-trasferiment tal-immobili, dak li ghandu, taht piena ta' nullita', jirrizulta mill-att pubbliku jew mill-miktub, huwa rispettivament il-kuntratt tat-trasferiment jew il-promessa tal-bejgh u cioe` l-att bejn il-mandatarju, jew il-pretiz kumpratur, u t-terza persuna li tkun il-venditur; mentri –l-mandat fl-ettetti tieghu limitati bejn il-mandanti u l-mandatarju jista' jigi dejjem dimostrat u pruvat skond in-normi dettati ghall-prova tal-obbligazzjonijiet in generali.*

*Din hija l-konsegwenza legittima u naturali tal-Art 1959 - 1965 tal-Kodici Civili, Kap. 23 tal-Edizzjoni Riveduta; minn fejn jidher, kif intqal fuq, li l-mandat jista' jkun espress jew tacitu, u ghandu jkun dejjem espress fil-kazi msemmija taht it-tieni artikolu fuq citat, u li huma attijiet li jsiru barra mill-ordinarja amministrazzjoni. B`dana kollu, mandat "exprissis" ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub,u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b`mezzi ohra li huma permessi mil-ligi";*

*Jirrizulta mill-atti, minn dak li jghid l-attur stess, li ma kienx il-konvenut li kellu jibghat il-patata, ghalkemm kellu jkun responsabbli jsib il-persuna idoneja ghal dan it-tip ta' xoghol. Haga li naqas li jaghmel, ghaliex ghalkemm sab persuna, din allegatament ma zammitx kelmitha w ghalkemm giet moghtija l-flus, hija ma ghaddietx il-patata.*

*Ghalhekk il-konvenut kellu l-mandat x'jesegwixxi, u cioe' li jsib persuna idoneja li kellha tibghat il-patata lill-attur hawn Malta. Dan il-mandat esegwih, ghaliex sab lil Mr. Reda, ntroducih lill-attur, kien cert li l-attur kien jaf li n-negozjati kienu ghaddejjin mieghu, tant li l-attur cempel lil dan Reda meta l-konvenut kien fl-ufficcju tieghu Tunez. Issa l-fatt li Mr. Reda ma zammx kelmtu, w ha l-flus minghajr ma baghat il-patata, m'ghandux jirifletti fuq il-konvenut li ma esegwiex il-mandat tieghu. L-attur ma jichadx li effettivament kien kellem lil dan Reda, izda jghid li ma jiftakarx. Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li jaf b'certezza li l-attur kien tkellem ma' Reda fuq dan in-negozju.*

*Illi fir-rikors promotur l-attur qed jitlob biex jigi saldat ghal xi spejjez li huwa nkorra f'dan in-negozju, u cioe' sabiex jithallas tat-telefonati li ghamel u tal-hlasijiet li huwa ghamel in konnessjoni mal-merkanzija. Dwar dan pero' l-Qorti rat li l-attur m'esebixxa l-ebda ricevuta jew prova li effettivament ghamel dawn il-pagamenti li qed jitlob. Anzi mix-xhieda tal-attur stess jirrizulta li semmai jekk huwa hallas ghal xi Ufficcjali tad-Dwana, dan ghamlu mhux in konessjoni mal-konsenja tal-patata."*

**Ikkonsidrat:-**

L-aggravji tal-appellant huma tnejn (2). Fl-ewwel lok l-appellanti jilmenta li l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tajba tal-provi prodotti quddiemha u fit-tieni lok, aggravju, li kif qal l-istess appellant huwa konsegwenzjali ghall-ewwel aggravju, li effettivament l-appellant ma tax mandat lill-appellat izda tah inkariku u dan meta l-appellant qabbad lill-appellat biex jibghad merkanzija, cioe' patata, ghall-hawn Malta minn Tunes.

Bazikament l-imsemmija aggravji jirrigwardaw kwestjonijiet ta' fatt. Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ma nterpretatx sewwa l-fatti. It-tieni aggravju tal-appellant ma jirrigwardax esklusivament fatti stante li l-appellant, f'dan l-aggravju, jaghmel differenza bejn is-sinjifikat tal-kelma "mandat" u dak tal-kelma "inkarigu." L-appellant, ghalhekk, jidher li qed jaghmel differenza ukoll

bejn il-portata u s-sinjifikat legali ta' dawn iz-zewg teermini. F'dan ir-rigward pero' l-appellant ma jagmel ebda sottomissjoni li tista tinghad li hi dwar id-differenza fis-sinjifikat legali tal-kliem in kwestjoni.

Skond il-"Concise Maltese-English English-Maltese Dictionary" - Joseph Aquilina - Midsea Books Limited 2006, il-kelma "mandat" bl-ingliz tfisser "mandate (1. an official order or permission to do something. 2 the authority to carry out a policy, seen as given by a country's voters to the winner of an election), filwaqt illi l-kelma "inkarigu" tfisser "appointment, commitment, task, duty." Tali tifsira hi inkluza f'dik tal-kelma "kariga" li hi mfissra bhala "1 office. 2 post, position" u f'dik tal-kelma "inkariga" li hi mfissra "to entrust/commit to somebody's charge."  In vista ta' dawn it-tifsiriet jidher li l-kelma "mandat" tippresupponi sitwazzjoni aktar formali jew ufficjali, mentri fil-kelma "inkarigu" s-sitwazzjoni hi anqas formali u tfisser semplici kummissjoni sabiex wiehed jaghmel xi haga.

Infatti skond id-dizjunarju "Italiano – Inglese – Spinelli (terza edizione)" il-kelma "incarico" tfisser "appointment, command, commission, errand." Din it-tifsira tikkonferma li fid-diskors komuni ("common parlance") il-kelma "inkarigu" tfisser semplicement li wiehed jigi mitlub li jaghmel qadja mentri l-kelma "mandat" timplika aktar ufficjalita' u formalita'. Fil-ligi pero' ma jidhirx li hemm differenza bejn iz-zewg termini. In effett ma hemm ebda artikolu fil-ligi li jista jinghad li qed jagmel tali differenza. F'dan il-kuntest hu rilevanti li jigi kkonsidrat li ma hemmx bzonn ta' ebda formalita' sabiex jinghata mandat u dan kwantu li jirrigwarda l-forma. Mandat jista jinghata bil-fomm kif ukoll bil-miktub, u inoltre jista ukoll ikun tacitu. Ghalhekk jidher li, fil-ligi, l-kelma "inkariku" tekwivali ghall-kelma "mandat." Konsegwentement anke meta jinghata "inkarigu" huma applkikabbli r-regoli tal-"mandat."

Inoltre skond l-"Oxford Dictionary of Law" (third edition) il-kelma "mandate" tfisser "an authority given by one person (the mandator) to another to take some course of action" filwaqt li l-kliem fuq indikati li jfissru "inkarigu" u cioe'

“appointment,” “command,” “commission” u “errand” skond l-istess dizzjunarju ma jidhirx li ghandhom tifsir legali skond it-tifsira komuni ta’ “inkarigu” ad eccezzjoni tal-kelma “commission” li tfisser “an authority to exercise a power or a direction to perform a duty” Dan kollu jikkonferma li ma hemmx id-differenza, li qed jallega l-appellant, fis-sinjifikat legali taz-zewg kelmiet in kwestjoni.

Hu importanti hawn li jigu ezaminati c-cirkostanzi ta’ kif l-attur inkariga lill-konvenut biex jaghmel ix-xoghol in kwestjoni. Kif jghid l-istess attur, il-konvenut kien inghata somma ta’ flus sabiex igib lill-attur haxix u frott minn barra minn Malta in  partikolari minn Tunes. L-attur ghadda somma ulterjuri lill-konvenut peress li dan kien avza li kien sab il-prodott, cioe’ patata, li ried l-attur. Nonostante li l-attur kien ghadda l-imsemmija ammonti lil-konvenut, il-patata minn Tunes qatt ma waslet Malta.

Da parti tieghu l-konvenut isostni li hu ghadda l-imsemmija somom lil min kellu jibghad il-merkanzija Malta u ghalhekk il-konvenuit jghid li hu kien biss intermedjarju bejn l-attur u l-imsemmija terzi li kienu ta’ nazzjonalita’ barranija. L-imsemmija terzi kellhom jibghatu l-imsemmi prodott lill-attur.

F’dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenut kellu l-mandat minghand l-attur sabiex jirrangalu sabiex isiblu persuna idoneja biex tibghatlu l-merkanzija. F’dan ir-rigward ma jidhirx li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-fatti sabiex wasslet ghall-imsemmija konkluzjoni. Din il-Qorti tirribadixxi li hu ferm difficli li jigi disturbat l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti. Tali apprezzament tal-fatti jigi biss disturbat jekk ikun hemm zball grossolan li jirrizulta mill-istess provi “ictu oculi.”

Hu ormai ben risaput li “mandat” jimplika obbligu da parti tal-mandatarju fil-konfront tal-mandanti biex jesegwixxi certi atti f’isem l-istess mandanti. Kif gia gie accennat il-ligi tipprovdi regoli rigwardanti l-istitut tal-mandat, inkluz il-mod kif jista jinghata tali mandat u cioe’ jew permezz ta’

att pubbliku, jew bil-miktub jew anke bi skrittura privata jew verbalment kif ukoll tacitament.

In effett l-imsemmija regoli li jiddefinixxu l-"mandat" huma inkluzi fl-artikoli 1959 sa 1965 tal-Kodici Civili (Kap.23 tal-Ligijiet ta' Malta). Mill-provi jirrizulta li ma kienx l-appellat li kellu jibghat il-patata hawn Malta. Li kellu jaghmel l-appellat kien li jsib xi hadd li kien idoneu biex iwasssal ghand l-appellant il-merkanzija li ried l-istess appellant. L-appellat isostni li huwa sab tali persuna u ghadda l-flus lil l-istess persuna, li pero' naqset li tibghat lil l-appellant il-merkanzija in kwstjoni. F'dawn il-cirkostanzi l-Qorti rriteniet li l-appellat ghamel dak li hu kellu jaghmel u li m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-fatt li l-merkanzija qatt mawassslet Malta.

Ghal dawn ir-ragunijet kollha l-aggravju tal-appellant, rigwardanti l-fatt li huwa ma tax mandat lill-appellat izda semplicement inkarigah biex jibghad l-imsemmija merkanzija ghal hawn Malta, ghandu jigi michud.

Din il-Qorti tirribadixxi li taqbel mal-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sens li l-inkarigu li kien gie moghti lil il-konvenut kien li jsib lil xi hadd li seta jibghad il-patatata hawn Malta. Huw sab lil dan il-xi hadd hallsu u kwindi hu dan it-terz li ghandu jigi riltenut resposabbli talli ma bghatx il-merkanzija hawn Malta minkejja li jirizulta li l-istess terz kien ha l-flus.

L-aggravju l-iehor tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Tali apprezzament li sar mill-ewwel Qorti sar b'mod korrett u ma jirrizultax li l-Qorti f'dan l-paprezzament ghamlet xi zball grossolan li johrog mill-istess provi. Ghallhekk l-aggravji tal-appellant ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha-

Tiddeciedi bill-tichad l-appell tal-attur appellant, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-30 ta' Settembru 2011, fil-kawza fl-ismjiet premessi.

L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------